MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2014

Numru. 1323/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Giovanna k/a Joanne Rizzo**

Magistrat Dr Josette Demicoli

29 ta' Settembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Giovanna k/a Joanne Rizzo ta' 42 sena mart Raymond Tabone, bint Alfred Rizzo u Mary Anne nee' Vella imwielda Pieta' fl-10 ta' Frar 1967 u toqghod 3, 'Reflection Court', Triq il-Gidwed M'Skala, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 85467(M):

Billi hija akkuzata talli f'Dicembru 2010, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'mezzikontra il-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifikifoloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq jaddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' *Intercomp Marketing Ltd*, ai termini ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjajt ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikar ghad-detriment ta' *Intercomp Marketing Ltd,* ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti intalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkunsidra l-posizzjoni taghha.

Ikkunsidrat

Illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputata ammettiet l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u ghalhekk din hija sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghha qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni taghha, il-fatt li kkollabora bis-shih mal-pulizija, il-fedina penali taghha u li diga' hallset lill-parte leza il-maggior-parti ta' l-

ammont li kien dovut u li ddikjarat li hija se tkompli thallas il-bilanc dovut.

Ma jirrizultax li f'dan il-kaz kien hemm involuti hatra ta' esperti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza, wara li rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien sentejn (2) millum u dan bil-kundizzjoni li l-hatja thallas l-ammont ta' €397.59 lill-parte leza fi zmien 6 xhur millum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------